Minuti tal-ħdax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta, 31 ta` Jannar 2006 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | **Membri** |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Skużat:** | Is-Sur Lorry Apap |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi bi żvista l-ġurnata ta` l-għaxar laqgħa tnizzlet il-Ħamis minflok l-Erbgħa.

<u>Korrispondenza</u>

The *Gozo Youth wind band & Orchestra* talbet lill-Kunsill jiffinanzja ħames *music stands* li kull wieħed minnhom jiswa Lm34.25,0 u fuq il-leġiji offruti mill-Kunsill jiġi mnaqqax l-isem tal-Kunsill. Fil-preżent fil-*Youth Band* hemm mużiċist mill-Fontana u fil-*Youth Orchestra* hemm ħames mużiċisti mill-Fontana. Is-Sindku qal li tkellem mas-Surmast Joseph Grech li nfurmah li l-orkestra lesta toffri xi servizzi mużikali. Is-Sindku ppropona li nixtrulhom ħames leġiji u huma joffru s-servizz mużikali f`Jum il-Fontana tal-2006 u 2007. Il-Kunsill qabel. Din l-orkestra stiednet lill-Kunsill għall-Kunċert Annwali li ser isir nhar il-Ħadd, 5 ta` Frar 2006 fl-Oratorju Don Bosco. Waqt dan il-Kunċert ser jingħata rikonoxximent lil dawk il-Kunsilli Lokali li matul l-aħħar sena taw kontribut favur dan il-proġett.
Is-Sur Joseph Portelli talab għajnuna ta` Lm20 għat-tberik tal-bhejjem li ser isir fl-Oratorju Don Bosco fil-5 ta` Frar 2006. Il-Kunsill qabel illi jagħti dan l-ammont fi trofej għar-raġuni li jkun hemm anke parteċipanti mill-Fontana f`din l-attivita'.
Is-Sur Joe Curmi, ħaddiem ta` l-*IPSL* mal-Kunsill Lokali ta` Kerċem bagħat kopja t`ittra li ntbagħtet lid-Direttur għall-Gvern Lokali dwar it-talba sabiex jiġi trasferit mal-Kunsill tal-Fontana. Huwa lest li jagħmel xogħol ta` *plasterer & painter* kif kien talab il-Kunsill tal-Fontana.
It-Taqsima Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħtet korrispondenza bis-suġġett "Karnival ta` Għawdex 2006".
Id-Diretturi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u dak tal-Libreriji bagħtu korrispondenza dwar ħidma b`riżq il-ġabra tal-patrimonju miktub f`kull rokna tal-gżejjer tagħna fil-Biblijoteka

Nazzjonali fejn dan jiġi merfugħ u mħares għall-posterita'. Għal dan il-għan għandha ssir laqgħa mad-Direttur tal-Libreriji.
Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar l-Estimi Annwali 2006/2007.
Il-M.E.P.A. bagħtet diversi avviżi t`infurzar fi Triq ix-Xlendi u fi Sqaq ta` Fuq il-Lunzjata.
Il-M.E.P.A. nfurmat lill-Kunsill li l-appell ta` Triq ix-Xlendi ser jinstema' nhar l-Erbgħa, 22 ta` Frar 2006 fl-10.00a.m.
Dwar it-tindif taħt is-sies f`tarf Triq ta` Mulejja l-M.E.P.A. infurmat lill-Kunsill li t-talba tiegħu waslet fiż-żmien stipulat.
Is-Sur Noel Formosa, Rappreżentant Reġjonali, bagħat korrispondenza lill-Kunsill dwar il-proġett bejn l-*Education* u l-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel illi jħallas l-ammont ta` Lm30 għat-trasport ta` dawn l-*animation sessions*.
Is-Sur Formosa talab ukoll informazzjoni dwar il-ħaddiema ta` l-*IPSL*. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-informazzjoni mitluba.
Inqrat Stqarrija għall-iStampa Nru. 1/2006 dwar Att vandalu fuq ir-residenza tal-ġenituri tas-Sindku ta` Ħal Qormi.
Inqrat Stqarrija għall-iStampa Nru. 2/2006 - L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tifraħ lill-Eċċ. Tiegħu Mons. Mario Grech.
Inqrat Ċirkulari AKL 1/2006 dwar emendi għar-Regolamenti 119 ta` l-2002.
Inqrat Ċirkulari AKL 2/2006 dwar FOKAL.
Inqrat Ċirkulari AKL 3/2006 dwar *Twinning Oscars*.
Inqrat Ċirkulari AKL 4/2006 dwar aħbar tal-mewt tas-Sur Francis Schembri, r-raġel tas-Sinjura Maria Schembri, Kunsilliera fil-Kunsill Lokali Fontana.
Inqrat Ċirkulari AKL 5/2006 bis-suġġett *"The Express Guide to Professionals"*. Il-Kunsilli Lokali ġew imħeġġa biex jiġu nklużi f`din il-pubblikazzjoni għall-prezz ta` Lm20, VAT mhix inkluża. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.
Inqrat Ċirkulari AKL 6/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki – Għawdex, Mejju 2006.
Inqrat Ċirkulari AKL 7/2006 dwar Regolamenti ta` l-2005 dwar petizzjonijiet quddiem it-Tribunal Lokali.
Inqrat Ċirkulari AKL 8/2006 dwar Bord dwar Petizzjonijiet.
Inqrat Memo 1/2006 dwar Avviżi Legali Pubblikati fit-23 ta` Diċembru, 2006.
Inqrat Memo 2/2006 dwar Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (Marzu 2006).
Inqrat Memo 3/2006 dwar Il-Bord dwar il-Petizzjonijiet (Il-Bord).

## Mistoqsijiet

Il-Kunsilliera Maria Schembri staqsiet dwar il-mera li trid titwaħħal quddiem il-garaxx ta` Dun Franġisk Saliba fi Triq il-Qalb ta` Ġesu'. Is-Sindku nfurmaha li l-mera diġa' nxtrat, il-problema hi fejn ser teħel peress li trid teħel mad-dar tar-residenti tal-faċċata tiegħu. Il-Kunsill qabel illi jiġu avviċinati is-sidien tal-proprjeta fejn trid teħel u jiġu mistoqsija jsibux oġġezzjoni.

## Is-Sistema tal-Parkeġġ Ikkontrollat

Is-Sindku qal illi saru diversi tentattivi biex jiġi ċċekjat jekk il-Kunsill jistax joħroġ il-permessi hu iżda ma rnexxilniex. Sar kuntatt mal-Perit Audrey Testaferrata de Noto ta` l-A.D.T. fejn din irrefferiet għall-*Legal Notice*. Sar ukoll kuntatt mas-Sur Claudio Azzopardi mill-Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali iżda s`issa għadna bla risposta.

## Ħsara fil-Proġett ta` Pjazza l-Għejjun

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ltaqa` ma` l-Enġinier Camilleri, responsabbli mill-W.S.C. f`Għawdex, dwar il-ħsara fi Pjazza l-Għejjun. L-Enġinier infurmah li avviċina lill-kuntrattur tar-*Road Construction* li kien għamel ix-xogħol fejn infurmah li issa ż-żmien ta` sentejn li hu responsabbli mix-xogħol kien għadda. L-Enġinier qal ukoll li dan tħallas f`Ottubru 2002. Huwa qal li ser jara f`hix jista jgħin, eżempju jipprovdi sega mekkanika lill-Kunsill biex jiġi maqtugħ ix-xogħol ta` konkos li hemm ħażin, kif ukoll biex jiġu rranġati l-kanni tal-poġġamann li hemm mgħawġa, mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sindku nfurmah li qabel għaddew is-sentejn tal-preskrizzjoni kien sar protest il-Qorti mill-Kunsill. Is-Sindku ser jgħaddi l-protest lill-Avukat Chris Said sabiex jittieħed parir x`jista' jsir.

## Mozzjonijiet

Ma kienx hemm mozzjonijiet f`din il-laqgħa.

## Approvazzjoni ta` kontijiet

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | |
|---|---|
| *Maltacom p.l.c.* | Lm 51.88,0 |
| *M.E.P.A.* | Lm 15.40,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 591.50,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 20.00,0 |
| *M.E.P.A.* | Lm 15.40,0 |
| *M.E.P.A.* | Lm 15.40,0 |
| *M.E.P.A.* | Lm 135.40,0 |
| *M.E.P.A.* | Lm 15.40,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm 76.51,0 |
| *Director of Information* | Lm 105.00,0 |
| Kummissjoni Armar | Lm 200.00,0 |
| Emanuel Caruana | Lm 30.00,0 |
| *Koptaco Coaches* | Lm 96.88,0 |
| *Agius Industrial Supplies Ltd.* | Lm 22.13,0 |
| *Public Cleansing Department* | Lm 19.23,0 |
| Kunsill Lokali San Lawrenz | Lm 30.00,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm 127.30,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm 3.94,0 |

| | | |
|---|---|---|
| *Video-On-Line Ltd.* | Lm | 11.80,0 |
| *Sunrise* | Lm | 10.00,0 |
| *George Farrugia & Sons* | Lm | 6.66,0 |
| *Grech`s Central Stores* | Lm | 13.85,0 |
| *Sound & Vision* | Lm | 10.00,0 |
| *Cottage Products Gozo Ltd.* | Lm | 7.35,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | Lm | 18.80,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm | 6.63,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm | 6.63,0 |
| *Galea Curmi EngineeringConsultants* | Lm | 159.30,0 |
| *Hotel Calypso* | Lm | 88.00,0 |
| Total | | Lm1910.39,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 09/2005 ġiet approvata.

Ilmenti/Suġġerimenti

Is-Sindku qal li qed jinnota u nġibditlu l-attenzjoni mir-residenti li fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili qed jintefa` ammont ta` karti ta` *snacks* u xi fliexken minn studenti li jkunu qed jistennew biex jattendu l-lezzjoni tal-privat għand Denise Mifsud. Il-Kunsill qabel illi s-Segretarju Eżekuttiv tiġbed l-attenzjoni ta` Denise sabiex tinforma lill-istudenti biex ma jarmux karti barra. Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li jsir *half-bin* mal-faċċata tad-dar u s-Sindku ssuġġerixxa li tagħmlu Denise Mifsud. Il-Kunsill qabel.

Materji oħra

Is-Segretarju Eżekuttiv attendiet għall-*Customer Care System Forum* li sar nhar it-Tnejn, 16 ta` Jannar 2006 fil-Ministeru għal Għawdex.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat illi Melissa Attard spiċċat mill-iskema tal-*jes* u minflok bdiet Laura Grech.
L-*OS*3 bagħtu kwotazzjoni ta` Lm19.67,0 sabiex ikun hemm aktar spazju fil-*Website* għall-perjodu bejn Frar u Settembru 2006. Il-Kunsill qabel illi jħallas dan l-ammont.
Il-Kunsill qabel illi jinġabu *quotations* sabiex tkun tista` tinxtara *fax* ġdida peress li għandna ma titranġax.
Il-Kunsill qabel ukoll illi jordna xi xkaffi ta` l-injam għall-Uffiċċju mingħand Pawlu Galea.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saru diversi xogħlijiet ta` manutenzjoni mill-ħaddiema tal-Kunsill fosthom li twettqu l-ilmenti ta` Francesca Mizzi, Assunta Cordina, Bernadette Attard, filwaqt li l-ilment ta` Toni Borg fi Triq Wied Siekel ma setax isir peress li kien hemm oġġezzjoni li jintmess ftit il-ħajt tas-sejjieħ ta` Triq Wied Siekel mis-sidien. Ġiet ukoll

imnaddfa l-aħħar parti ta` Triq Għajn Tuta mill-ħaxix, li mhix imniżżla fil-kuntratt tat-tindif, kif ukoll ġiet maqtugħa mill-parti tal-Wied tal-Lunzjata l-pjanta taż-żejt ir-riġnu li qed tagħmel ħafna ħsara fil-flora tal-wied.
Is-Sindku qal ukoll li hemm bżonn tinxtara ż-żebgħa safra għas-sinjali tat-toroq. Il-Kunsill qabel.
Saret ukoll l-applikazzjoni lill-M.E.P.A. mill-Perit John Saliba biex isir it-tindif u r-riabilitazzjoni ta` dik il-parti ta` Wied ix-Xlendi li hija fil-konfini tal-Fontana.
Saret ukoll il-ħarġa għat-tfal fl-okkażżjoni tal-festi tal-Milied fejn attendew tmenin ruħ tfal u adulti li akkumpanjawhom. Il-postijiet li żorna kienu Forti Rinella l-Kalkara fejn sar *re-enactment*, presepju Naplitan fil-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Soċjali l-Belt Valletta, *Bay Street* u *Popeye`s Village*.
Tkomplew jinstemgħu aktar xhieda mressqa min Pawla Cassar dwar ir-*roadhump* fi Triq tal-Għajn quddiem l-Assistent Ġudizzjarju. Bħas-soltu attenda s-Sindku u l-Avukat Chris Said.
Is-Sindku qal li hemm bżonn jiġu ordnati żewġ ismijiet taċ-ċeramika, waħda għal Trejqet Wara l-Idjar skond il-Gazzetta tal-Gvern u oħra għal Sqaq ta` Kaputt li ġiet nieqsa. Il-Kunsill qabel li jiġu ordnati għand *Alka Ceramics*.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li saret laqgħa oħra tal-Kumitat Konġunt dwar l-infurzar lokali, fejn fost l-oħrajn il-Kumitat Konġunt iddeċieda li dwar il-*green wardens* jordna 20 siegħa fix-xahar għal Għawdex kollu.
Twaħħlet mera ġdida f`tarf Trejqet ix-Xagħri minflok dik li ġiet nieqsa. Din saret b`mod li hu diffiċli ħafna li tinqala.
Il-membri kollha tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ħadu sehem fil-funeral tas-Sur Francis Schembri, ir-raġel tal-Kunsilliera Maria Schembri. Sar ukoll bukkett għal din l-okkażżjoni. Il-Kunsilliera Maria Schembri hawnhekk irringrazzjat lill-Kunsill kollu tas-sehem tagħhom fil-funeral.
Dwar in-niċċa tas-Salvatur saret żjara fuq il-post mis-Sindku mal-Perit John Saliba. Għandha tiġi avviċinata l-Perit Ivana Farrugia li hija esperta f`dan it-tip ta` xogħol biex isir rapport dwar din in-niċċa.
Tħawlu madwar ħmistax il-xitla tal-bjanka fil-*PlayingField* minflok oħrajn li mietu. Inġibdet ukoll l-attenzjoni tal-uffiċċjal responsabbli, s-Sur Louis Portelli, biex isir *patching* fi Triq tal-Għajn u Triq l-Isptar San Ġiljan li huma toroq distributorji għalhekk ma jaqgħux taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda għall-ingress u l-Konsagrazzjoni ta` l-Isqof il-ġdid Mons. Mario Grech fil-Katidral t`Għawdex.
Attenda wkoll għall-quddiesa konċelebrata li saret fit-28 ta` Jannar fil-Knisja Parrokkjali fejn sar il-ġemellaġġ bejn il-parroċċa tagħna u dik tal-Qalb bla Tebgħa ta` Marija f`Burmarrad Malta. Wara l-quddiesa huwa ppreżenta kwadru tal-Qalb ta` Ġesu' f`isem il-parroċċa lill-Provinċjal tal-Patrijiet Franġiskani li jmexxu din il-parroċċa.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Isqof Mario Grech ser iżur il-Kunsill nhar it-Tlieta, 7 ta` Frar fl-10.30 ta` filgħodu waqt iż-żjara fraterna ta` jumejn li ser jagħmel fil-Fontana. Il-Kunsill hu mistieden biex jattendi għal żewġ funzjonijiet li ser isiru fil-Knisja Parrokkjali nhar it-Tnejn u t-Tlieta, 6 u 7 ta` Frar fis-6.00p.m. Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel li jiġi mogħti replika ta` l-Għajn il-Kbira u gwarniċ tal-fidda b`ritratt tal-lokal tal-Fontana.
Illum saret il-ħarġa għal kulħadd f`Għawdex fejn attendew 44 persuna. Żorna l-Għadira ta` San Raflu, Kerċem, Santa Luċija, Id-Dwejra, San Lawrenz, l-Għarb, l-Għasri u ż-Żebbuġ. Wara morna Marsalforn fil-Lukanda *Calypso* fejn ingħataw kafe` u *snack* imħallas mill-Kunsill.

Is-Sindku qal ukoll li hemm bżonn issir tabella dwar il-ħmieġ tal-klieb fi Triq is-Sajjieda. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku nforma li saret laqgħa mal-Perit Attard Montalto dwar l-emendi għall-permess tal-proġett tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali skond kif approvat mill-Kunsill fil-laqgħa tas-6 t`Ottubru 2005. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku, l-Viċi-Sindku, l-Kunsillier Lorry Apap flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. F`din il-pjanta għandu jiżdied il-fond nru. 191 fi Triq tal-Għajn u parti mill-*Playing Field*. Din il-pjanta ġiet ippreżentata mis-Sindku u l-Kunsill qabel li jinforma lill-Perit biex tapplika lill-M.E.P.A. biex jiġi emendat il-permess nru. PA 00337/01. Il-Kunsillier Anthony Cassar astjena għax għandu nteress.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar is-sitwazzjoni ta` l-indafa fil-lokal jidher li x-xogħol mhux qed isir skond il-kuntratt. Is-Sindku ppropona lill-Kunsill li s-Sur Victor Attard irid iwettaq dan ix-xogħol kull nhar ta` Tnejn, Erbgħa u s-Sibt inkella jittieħdu l-passi meħtieġa skond il-kuntratt. Il-Kunsill qabel.
Il-Kunsill qabel illi jinforma lill-korporazzjoni *Maltacom* sabiex it-trinka li għamlu f`tarf Triq il-Kappillan Ġużepp Hili tinqata` bis-sega u tingħata t-tarmak.
Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li saret laqgħa mal-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Ġiovanna Debono dwar ix-xogħol ta` bini mill-ġdid ta` Triq ix-Xlendi. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Lorry Apap flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Din il-laqgħa saret ukoll fil-preżenza tal-Kunsill Lokali Munxar. Waqt din il-laqgħa fost diversi punti s-Sindku staqsa jekk hix ser issir Triq l-Isptar San Ġiljan u Triq tal-Għajn `l isfel mill-Knisja. Il-Ministru wieġbet illi fil-preżent m`hemmx fondi u fi Triq l-Isptar San Ġiljan hemm problema kbira tad-drenaġġ li trid tiġi solvuta. Ix-xogħol ser jibda mill-bidu ta` Triq ix-Xlendi. Is-Sindku qal li baqa` parti mill-mina bejn tarf Wied il-Lunzjata u l-bidu tal-Wied tax-Xlendi mblukkata bit-terrapien. Huwa qal li jkun il-mument opportun li jsir dan it-tindif waqt li jkun isir ix-xogħol tat-triq. Il-Perit Angelo Portelli qal li ser isir ukoll *culvert* għall-ilma tax-xita li ser jibda minn hemm. Is-Sindku qal li xi xhur ilu l-Kunsill kien ressaq talba biex ma dan ix-xogħol isir *culvert* mill-Knisja `l isfel, dan sabiex jilqa` l-ilma li jinżel minn Triq tal-Għajn u Triq l-Isptar San Ġiljan, kif ukoll ikun jilqa` l-ilma ta` Triq Wied Siekel li jiġi mill-inħawi Taċ-Ċawla. Min-naħa tal-Ministeru ser jippruvaw pero` ma jistax jiġi mwiegħed li ser isir. Is-Sindku qal li almenu l-*culvert* jitwassal tul Pjazza l-Għejjun sa tarf Triq Wied Siekel, biex jintlaqa` l-ilma ta` dan il-wied li meta tkun xita qawwija jkun perikoluż ħafna. Il-Kunsillier Lorry Apap ġibed l-attenzjoni li sabiex ma jkunx hemm ilma jiġri fil-wiċċ tat-triq u ssir ħsara għandu jsir dan il-*culvert* peress li kull ma jifdal hu 300 pied sabiex isir *water culvert* minn ħdejn il-Knisja. Is-Sindku talab lill-Ministru sabiex issir Pjazza l-Għejjun fejn f`Kunsill preċedenti sar l-*embellishment* ta` din il-Pjazza u fil-preżent hemm applikazzjoni biex tiġi restawrata l-faċċata ta` l-Għajn il-Kbira, għalhekk jixraq li din il-Pjazza tingħata t-tarmak peress li hi fi stat ħażin ħafna. Waqt dan ix-xogħol għandu wkoll jiġi misjub l-ilma mitluf li hemm taħt it-triq li kien jagħti għall-Għajn il-Kbira. Waqt il-laqgħa l-Ministru semmiet li din it-triq trid tkun lesta sa l-aħħar ta` din is-sena u t-traffiku għax-Xlendi ser jinżel mill-Fontana u jitla min-naħa ta` Ras il-Bajjada fil-Munxar, peress li ser tinħadem nofs it-triq u mbagħad in-nofs l-ieħor. Għal din ir-raġuni l-Ministru nfurmat li l-Ministeru għal Għawdex ser jibda billi jagħmel Triq Ras il-Bajjada bit-tarmak peress li tinsab fi stat ħażin ħafna. Ser issir ukoll is-sistema tad-drenaġġ għad-djar ta` Triq ix-Xlendi kif ukoll ir-*retaining walls* bil-ħitan tas-sejjieħ.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ġie avviċinat mill-Ministru għal Għawdex biex tinħareġ stqarrija mill-Ministeru flimkien mas-Sindki tal-Munxar u l-Fontana sabiex jiġi mwieġeb

artiklu li deher fl-Orizzont taht it-titlu "Negozjanti fix-Xlendi jibżgħu minn sajf xott" tat-Tlieta 24, ta` Jannar 2006. Is-Sindku ppreżenta kopja ta` din ir-risposta fejn ġie miċħud il-kontenut ta` dan l-artiklu.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-uffiċċjali tal-M.E.P.A. li kienu żaru Wied Siekel u Triq Għajn Tuta (Wied il-Lunzjata) ppreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Is-Sindku ppreżenta korrispondenza dwar dan mingħand Annalise Falzon. Il-Kunsill qabel illi japplika mal-M.E.P.A. fuq dawn ir-rakkomandazzjonijiet bil-Perit John Saliba biex isiru dawn ix-xogħolijiet.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 28 ta` Frar 2006 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku